MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 101/2005

**Norman u Rita konjugi Galea**

**vs**

**Antoine Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Frar tas-sena 2005 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut qudiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jersaq ghar-rexxissjoni ta' skrittura ta' ordni ta' bejgh ta' vettura tal-gahmla Toyota Vitz datata t-8 ta' Novembru tas-sena 2004 minhabba inadempjenza u ragunijiet ohra imputabbli ghall-istess konvenut kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

2. Illi konsegwentement jigi kkundannat jirrifondi lill-atturi d-depositu minnhom imhallas lilu fl-ammont ta' elf u hames mitt Lira Maltin, (LM1,500.00,0), okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-ordni ma ghadhiex aktar veljanti u vinkolanti bejn il-kontendenti;

3. Bl-ispejjez u bl-interessi legali dekorribbli mid-9 ta' Novembru tas-sena 2004 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-verbal taghha datat id-29 t'April tas-sena 2005 li permezz tieghu ikkoncediet ghoxrin (20) gurnata lill-konvenut biex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu permezz ta' nota skritta;

Innutat li dan il-perjodu hekk koncess ghadda inutilment;

Rat in-nota tal-konvenut datata l-11 t'Ottubru tas-sena 2005 li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti:

1. Tordna lill-konvenut Antoine Vassallo biex jersaq ghar-rexissjoni ta' skrittura ta' ordni ta' bejgh tal-vettura tal-marka Toyota Vitz, liema skrittura hi datata t-8 ta' Novembru tas-sena 2004, u dan minhabba inadempjenza u ragunijiet ohra imputabbli ghall-istess konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut Antoine Vassallo jirrifondi lill-atturi Norman u Rita konjugi Galea l-ammont ta' elf u hames mitt Lira Maltin, (Lm1,500.00,0);

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti kontra l-konvenut.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------